II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE fejn jirrigwarda l-perjodu tal-applikazzjoni tagħha

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1876)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/297/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/866/KE tat-12 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem [2] kienet addottata bħala riżultat ta' kontaminazzjoni bil-virus tal-epatite A (HAV) ta' ċerti molluski bivalvi importati mill-Peru li kienu identifikati bħala l-oriġini ta' mxija tal-epatite A fil-bnedmin. Dik id-Deċiżjoni tapplika sal-31 ta' Marzu 2009.

(2) L-awtoritajiet Peruvjani ipprovdew ċerta informazzjoni li tikkonċerna l-miżuri korrettivi mwaqqfa biex jittejjeb il-kontroll tal-produzzjoni ta' molluski bivalvi maħsuba għall-esportazzjoni fil-Komunità.

(3) Madanakollu, dik l-informazzjoni hija insuffiċjenti u għandha tiġi mwettqa spezzjoni tal-Kummissjoni fil-Peru.

(4) Sakemm ikunu sottomessi l-informazzjoni kollha rilevanti mill-awtoritajiet Peruvjani u r-riżultati ta' dik l-ispezzjoni, huwa xieraq li l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE tkun estiża sat-30 ta' Novembru 2009.

(5) Id-Deċiżjoni 2008/866/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/866/KE, id-data "31 ta' Marzu 2009" hija sostitwita bid-data "30 ta' Novembru 2009".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9.